KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Dsatax (19)***

***It-Tnejn, 22 ta' Settembru, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 19 li inżammet fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6:15 ta' filgħaxija. (5:30pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA (attenda *online* bl-approvazzjoni tal-Kunsill) |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**19.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Tressqet ittra mingħand il-Kunsillier Steven Axisa fejn talab li għal din il-Laqgħa jkun preżenti b'mod virtwali. Il-Kunsill approva.

**19.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

19.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 18 li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 t' Awwissu 2025.

19.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 18 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

19.2.3 **Mozzjoni Numru 19-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 18

Proponent: Il-Kunsillier Stephen Attard

Sekondant: Il-Kunsillier Naomi Mizzi

Il-Minuti Numru 18 ġew approvati unanimament.

**19.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 19(09) – Settembru 2025***

19.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 19(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 12089 sa 12142 kif ukoll cheque bin-numri 7272 li jammontaw €29,214.42

19.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

18.3.3 **Mozzjoni 19-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 19(09)

Proponent: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

Sekondant: Il-Kunsillier Jesmond Manicolo

L-iskeda ta' pagamenti numru 19(09) ġiet approvata unanimament.

**19.4 <u>Korrispondenza</u>**

19.4.1 Tressqet tliet applikazzjonijiet għall-xogħlijiet ta' trenching minn Infrastructure Malta u WSC fit-toroq imsemmija:

i) Triq il-Bizzilla - Approvata

ii) Triq Napuljun Caruana Dingli – Approvata

iii) Triq ir-Rebbiegħa - Approvata

iv) Triq Tal-Barrani (Water Main) – Il-Kunsill qal li qabel joħroġ il-permess għandu jingħata iktar dettalji dwar kif se jsiru l-arranġamenti tat-traffiku.

Il-Kunsill qabel ukoll li tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq sabiex jiġu nfurmati li se jsiru x-xogħlijiet fit-triq tagħhom.

19.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Laqgħa mas-sid tal-Maypole saret u kkonferma li se jsir disinn mill-Perit tiegħu sabiex jiżdied il-parkeġġ quddiem il-ħanut. Kien hemm proposta ukoll biex titneħħa l-funtana u tiġi rilokata f'post ieħor kollox bi spejjeż tiegħu u l-Kunsill jieħu ħsieb il-permessi mingħand l-entitajiet.

19.4.3 Tressqet korrispondenza sabiex jiġi mġedded il-kuntratt tal-kiri tal-garaxx fi Triq il-Ġistakor għall-prezz ta' €5500 għal-sena. Il-Kunsill qabel li jġedded.

19.4.4 Tressqet korrispondenza dwar stedina għall-AGM tar-Reġjun nhar il-Ġimgħa 24 t'Ottubru fis-6:15pm. Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lill-Kunsilliera sabiex jinfurmaw f'każ li huma interessati li jattendu.

19.4.5 Tressqet korrispondenza mingħand il-PA dwar applikazzjoni Numru PA/04489/24. Il-Kunsill ġie nfurmat li se jkun hemm meeting fis-7 t'Ottubru. Il-Vici Sindku Brian Xuereb ikkonferma li għal dan il-meeting jista' jattendi. Dwar din l-applikazzjoni il-Kunsill kien issottometta oġġezzjoni u għaldaqstant se tiġi infurmata ukoll l-avukata li għamlet l-oġġezzjoni.

19.4.6 Tressqet korrispondenza mingħand il-Kappillan dwar fondi mill-GAL Xlokk sabiex isiru xi xogħlijiet fil-Knisja. Il-kwotazzjoni li ingħatat hija ta' €45,000 bil-co-financing ta' 20%. Il-Kappillan qed isaqsi jekk il-Kunsill jistax jikkometti ruħu li jħallas nofs il-co-finanzjament. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jassisti f'din l-applikazzjoni.

19.4.7 Tressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment dwar il-*videos on demand* fuq il-*website*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill huwa obbligat li jippublika l-laqgħa tal-Kunsill kemm *live* kif ukoll *on-demand*. Il-Kunsill qabel li għalissa jibqa' jippublika l-laqgħa permezz tal-*live streaming* biss.

19.4.8 Tressqet korrispondenza dwar talba sabiex jingħata isem lil Sqaq Nru 5 fi Triq Ta' Loretu. Il-Vici Sindku Brian Xuereb propona li dan l-isqaq jissemma għall-Isqof Labini li kien ikkonsagra il-Knisja ta' Santa Marija fl-1784. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni u għaldaqstant se tkun qed titressaq din it-talba quddiem il-Bord tat-Tismija.

## 19.5 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

19.5.1 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li għal sena oħra erġajna ingħatajna fondi sabiex issir attivita' oħra ta' Clean- Up. Din l-attivita' kienet pjanata għas-27 ta' Settembru iżda il-Kunsill qabel li l-aħjar li l-attivita' issir f'ġurnata oħra minħabba li il-Kunsill jixtieq jinvolvi lit-tfal u dak iż-żmien għadha tibda l-iskola. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li l-attività ssir f'Ottubru.

19.5.2 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar laqgħa li kellu mal-Periti tal-Public Works dwar ix-xogħlijiet li ser jibdew fi Ġnien 2000. Il-Kunsill qed jiġi mitlub li jbattal il-ġiebja biex tkun tista' ssir spezzjoni kif ukoll b'mod urġenti ssir id-DNO għax-xogħlijiet. Ix-xogħlijiet huma pjanat li jibdew f'Ottubru u għalhekk se jibdew jinqalgħu il-bankijiet u l-bins.

19.5.3 Is-Sindku Karl Boxall ressaq kwotazzjoni għat-tiżjin tal-Milied ta Triq Santa Marija u l-Pjazza li tammonta għal €2800. Il-Kunsill qabel li jitlob li jara d-disinji li qed jiġi propost li jiġu nstallati u jmexxi minn hemm.

19.5.4 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li għall-ħarġa tal-Milied il-grupp se jkun qed jittieħed għall-buffet breakfast u wara jkun hemm xi tombla. Id-data proposta hija it-18 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsill qed jiġi mitlub li jħallas 20% tal-ħlas bħala deposit kif ukoll isir il-permess tat-tombla.

19.5.5 Is-Sindku Karl Boxall qal li l-mawra għall-Sqallija se ssir fl-4 t'Ottubru u se nkunu grupp ta' 30 persuna.

19.5.6 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li l-party tat-tfal din is-sena se jsir fit-13 ta' Diċembru 2025. Il-Party se jsir Captain's Garden mill-10am sa 1pm. Fil-ġimgħatli ġejjin se jkunu qed jinxtraw ir-rigali.

19.5.7 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li din is-sena d-dawl jinxtegħel fl-1 ta' Novembru u dakinhar issir attivita'. Huwa ppropona li nġibu Children's Choir kif ukoll Father Christmas sabiex iqassam ir-rigali. Se jkunu qed jinġiebu kwotazzjonijiet għal dawn.

## 19.6 Attivitajiet tal-Halloween

19.6.1 Is-Sindku Karl Boxall fetah id-diskussjoni dwar din il-materja fejn qal li l-attivita' ma tistax issir fi Ġnien 2000 kif kien pjanat iżda ppropona li ssir il-Pjazza. Il-Kunsill qabel.

19.6.2 Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera Naomi Mizzi sabiex tagħti spjegazzjoni ta' x'qed jiġi pjanat s'issa. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li bħala entertainment qed jiġi allokat il-fond ta' Eur1000 li bih se nkunu qed inkopru serata b'diversi kantanti bejn is-7:30pm u d-9:30pm. Il-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li se tkun qed tieħu ħsieb il-palk fejn se ssir is-serata. Hija ssuġeriet ukoll l-Kunsill joħloq paġna soċjali tal-attivita' fuq Facebook.

19.6.3 Ġie propost ukoll li ssir kompetizzjoni tal-isbah tiżjin tal-faċċata tad-dar biex inħeġġu lin-nies jarmaw u jipparteċipaw f'din l-attivita'. Ir-Rebbieħ jingħata premju.

19.6.4. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' din is-sena tkun kollha b'risq il-Community Chest Fund.

**19.7 <u>Proġetti</u>**

19.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsill li l-proġett tat-Turretta se jkun qed jinbeda fil-jiem li ġejjin.

19.7.2 Is—Segretarju Eżekuttinv infurmat ukoll li se jibdew ukoll ix-xogħlijiet mill-Public Works fi Ġnien 2000.

19.7.3 Se jkun qed jinbeda x-xogħol ukoll fil-Boundary Wall f'Dawret Ħal Għaxaq fejn it-Turretta. Dan ukoll se jsir mill-Public Works.

19.7.4 Qed isir ukoll xogħol fi Ġnien il-Familja fi Triq il-Bwar, xogħol minn Project Green f'parti minn art li kienet abbandunata.

19.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' Triq l-Andar għadu ma bediex minħabba li l-kuntratt għadu ma ġiex iffirmat.

**19.8 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

19.8.1 Il-Kunsilliera Christine Dalli ppproponiet li meta se ssir l-attivita' tal-bidu tal-iskola it-tfal jingħataw rigal żgħir. Il-Kunsill qal li se jipprova jixtri xi frott sabiex jingħata lit-tfal.

**19.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

18.9.1 Annessi mal-Minuti

**19.10 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

17.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 16 t' Ottubru 2025 fil-5:30p.m.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 19**

**Mozzjoni Ref:** 19-01

**Mozzjoni:** Biex jiġu approvati il-Minuti Numru 18

| | |
|---|---|
| **Stephen Attard**<br>**Proponent** | **Naomi Mizzi**<br>**Sekondant** |

**Data:** 22 ta' Settembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 19**

**Mozzjoni Ref:** 19-02

**Mozzjoni:** Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 19

**Naomi Mizzi**
**Proponent**

**Jesmond Manicolo**
**Sekondant**

**Data:** 22 ta' Settembru 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**